ĠUNJU 2025

# IS-SEMINARJU













# IS-SENA PROPEDEWTIKA: SINJAL TA' TAMA

**DUN CARLO CALLEJA** - VIĊI-RETTUR

It-tama tieħu diversi forom: żerriegħa; tafal; fosdqa. Kollha jesprimu tama ta' ħajja ġdida. Ma' dawn nistgħu nżidu għamla oħra ta' tama: dawk l-ewwel ftit xhur li dawk li jkunu qed jgħarblu l-vokazzjoni tagħhom jagħmlu qabel ma jibdew uffiċċjalment bħala seminaristi.

Dawn ix-xhur insejħulhom b'isem ftit ikkumplikat: is-Sena Propedewtika, li tfisser "ta' qabel it-tagħlim". Huwa fil-fatt l-ewwel pass konkret fl-avventura tal-formazzjoni.

Din is-sena tibda f'Jannar, meta r-Rettur jilqa' uffiċċjalment lil dawk li jkunu wrew ix-xewqa li jwieġbu għas-sejħa li qed jagħmlilhom il-Mulej, wara li jkunu rriflettew fit-tul, akkumpanjati mid-Direttur Spiritwali tagħhom u mid-Direttur tal-Vokazzjonijiet.

Matul dan iż-żmien, il-propedewtiċi jkomplu bil-ħidma fuq il-post tax-xogħol tagħhom regolari, waqt li jqattgħu tlett ijiem matul il-ġimgħa fil-komunità tas-Seminarju. Matul dan il-perjodu jkollhom, fost oħrajn, introduzzjoni għall-għodda tat-talb u d-dixxerniment, introduzzjoni għall-viżjoni tas-saċerdot fid-dawl tal-Konċilju Vatikan II, introduzzjoni għal-Latin, kif ukoll programm intensiv ta' formazzjoni umana flimkien ma' studenti reliġjużi oħra.

F'Jannar li għadda żewġ żgħażagħ bdew is-Sena Propedewtika. L-impenn ferrieħi tagħhom hu sinjal jiddi ta' tama għall-Knisja tal-lum... u ta' għada!



# IL-QASSIS, ĠUBLEW MIEXI

**DUN MARK SULTANA** - DIRETTUR SPIRITWALI

Meta kont tfajjel, kont nattendi l-quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka u kont nara purċissjoni ta' qassisin ta' kull sura u età. Imbagħad kont nisma' fl-Evanġelju lil Ġesù "jħabbar il-ħelsien lill-imjassrin" u "jxandar is-sena tal-grazzja tal-Mulej". Kont nissaħħar nisma' dan il-kliem, li żgur sawwar fija sejħa għas-saċerdozju.

Il-kliem ta' Ġesù rajtu jseħħ fil-ħajja ta' bosta qassisin – kemm meta kont inqerr jew nieħu sehem fil-quddiesa u nesperjenza l-grazzja u l-ħelsien, u kemm meta, bħala qassis, rajt quddiemi kemm hi sabiħa l-assoluzzjoni li tħoll il-persuna mill-ħtijiet, u kemm hi qawwija l-Kelma ta' Alla li ddawwal u teħles u tibdel il-qlub.

Kont nisma' wkoll li Ġesù "ħabbar il-Bxara t-Tajba lill-fqajrin" u dan rajtu bosta drabi meta lmaħt il-qassis viċin l-imwarrbin – kemm jekk materjalment u kemm jekk spiritwalment foqra, kemm jekk drogati, kemm jekk illitterati, kemm jekk waħedhom, u kemm jekk barranin.

Il-qassis hu ġublew miexi, miexi ma' oħrajn. Flimkien magħhom, jibni l-komunità biex inkunu qalb waħda u ruħ waħda. Tgħallimt mill-esperjenza li, biex ikun ġublew, għajnejn il-qassis iridu jkunu msammrin fuq Ġesù u jrid jaħdem b'mod li għajnejn kulħadd ikunu msammrin fuqu. Il-Mulej Ġesù hu t-tama tagħna li ma tqarraqx. Hu l-Ġublew tagħna li jeħlisna!



# ĦARSA MINN FUQ IL-KAMPNAR

**ANIS RIAHI -** FIT-II SENA TAL-FORMAZZJONI

Iċ-ċirkostanzi tal-ħajja, xi minn daqqiet, huma imprevedibbli—xi kultant b'mod pożittiv, u drabi oħra le. Meta wieħed jitla' fuq kampnar, ikollu viżjoni differenti minn dak li s-soltu mdorri jara. Pereżempju, wieħed jista' jara xeni isbaħ li s-soltu qatt ma jkun jinnota, anke fil-ħajja mgħaġġla ta' kuljum. Dan jista' jibdel il-perċezzjoni ta' dak li jkun u jibda jinduna li, fost dak li s-soltu jara bħala ikrah, jista' jiskopri wkoll aspetti oħra li jgħaxxquh bi ġmielhom.

Fil-konkret, il-kampnar jirrappreżenta l-eżami tal-kuxjenza fid-dawl tal-Kelma t'Alla fil-ħajja ta' kuljum. Dan iservi biex wieħed jieqaf, isib il-ħin jitla' t-taraġ ta' dan il-kampnar—li, ngħiduha kif inhi, jirrikjedi kemm ħin u enerġija—imma ladarba jkun wasal fuq nett, jiġifieri fil-ġabra, fit-talb u anke f'sintonija mal-Mulej, ikun jista' josserva x'hemm preżenti fid-diversi aspetti tal-ħajja.

Permezz ta' dan, wieħed jista' jara l-istampa kollha u jifraħ b'dak li jkun sejjer tajjeb, imma fl-istess waqt tingħatalu perspettiva biex, meta jinżel lura minn fuq il-kampnar, ikun jista' jaffaċċja l-partijiet li huma inqas sbieħ u, saħansitra, anke jġib bidla.

Illum, int tlajt fuq il-kampnar?



# IL-LIBRERIJA FIS-SEMINARJU TAL-ARĊISQOF

**MARVIC MALLIA** - FIL-V SENA TAL-FORMAZZJONI

Kien fl-1756 meta l-Isqof ta' Malta Alpheran de Bussan (1728-1757) iddepożita 500 skud fil-massa frumentaria (fond intenzjonat biex minnu jitqassmu għajnuniet lil min kien fil-bżonn) biex l-interessi jintużaw ħalli tinżamm librerija fis-Seminarju.

Minn hawn 'il quddiem, il-librerija kompliet tikber, partikolarment b'donazzjonijiet ta' kotba li tħallew b'wirt, speċjalment minn qassisin. Anke jekk fil-bidu din il-librerija kienet relattivament żgħira, illum għadha qed tkun aġġornata u tħaddan fiha aktar minn 50,000 ktieb fosthom kollezzjoni rikka ta' perjodiċi.

Fl-1978, is-Seminarju mexa minn Casa di Manresa l-Furjana (illum il-Kurja tal-Arċisqof) għall-bini fejn qiegħed illum. Fl-istess waqt, il-Fakultà tat-Teoloġija mxiet mill-Università għas-Seminarju f'Tal-Virtù. Kien hawn li ż-żewġ libreriji rispettivi – dik tas-Seminarju u tal-Fakultà – ingħaqdu flimkien.

F'Settembru tal-1988, il-Fakultà rritornat lura lejn l-Università, u għal dan il-għan ġiet imwaqqfa l-Fondazzjoni għall-Istudji Teoloġiċi biex il-ħidma akkademika tal-librerija tibqa' għaddejja.

Minn żmien għal żmien isiru diversi attivitajiet fil-librerija miftuħin għall-pubbliku. Inħeġġuk biex issir membru biex tkun tista' tissellef il-kotba, jew sempliċiment biex tiġi u tqatta' ftit ħin taħdem għall-kwiet.



Għal aktar informazzjoni żur is-sit tagħna https://www.facebook.com/theolibrary.rabat/

# X'GĦADDA M


1.


2.




5.


6.


10.


10.




13.


13.



1. 08 ta' Diċembru 2024 - Iċ-Ċelebrazzjoni tal-Kandidatura ta' André Psaila.
2. 13 ta' Diċembru 2024 - Il-50 sena anniversarju minn meta Malta saret Repubblika.
3. 16 ta' Diċembru 2024 - Mument ta' talb u ċelebrazzjoni mas-Sorijiet tas-Sacred Heart.
4. 23 ta' Diċembru 2024 - Pranzu tal-Milied ma' diversi persuni li jikkontribwixxu fil-formazzjoni.
5. 26 ta' Jannar 2025- L-għoti tal-Ministeru tal-Lettorat ta' André Psaila.
6. 29 ta' Jannar 2025- Festa tal-Ministeri u Lejla tal-Komunità.
7. 5 ta' Frar 2025 - Ċelebrazzjoni fil-festa ta' Sant'Agata, Verġni u Martri, l-Imdina.

# INGĦALINA?



3.



4.



7.



8.



9.



11.



12.



12.



13.



14.



15.

8. 21-23 ta' Frar 2025 - Weekend f'Għawdex.
9. 14 ta' Marzu 2025- Pellegrinaġġ u talb tar-Randan fil-Knisja ta' San Duminku, ir-Rabat.
10. 12 ta' April 2025 - Ċelebrazzjoni f'Sibt il-Palm mal-qraba u benefatturi.
11. 13 -16 ta' April 2025 - Irtir tal-Ġimgħa Mqaddsa, f'Għawdex.
12. 5 - 7 ta' Mejju 2025 - Seek Encounter.
13. 10 ta' Mejju 2025 - Ġublew tal-Vokazzjonijiet.
14. 15 ta' Mejju 2025 - Velja ta' talb bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Presbiterali – St Patrick's.
15. 17 ta' Mejju 2025 - Ordinazzjoni Presbiterali ta' Dun Matthew Sammut.

# IS-SEBGĦIN ANNIVERSARJU TAL-KONSAGRAZZJONI TAL-KAPPELLA

**SR KATIE MIFSUD** - RSCJ

Fil-31 ta' Mejju tal-1955, l-Arċisqof Gonzi kkonsagra l-kappella l-ġdida tal-Kulleġġ Mater Admirabilis (illum is-Seminarju), li kien inawgurat fl-4 ta' Mejju tal-1954 għat-taħriġ tal-għalliema tfajliet. Fil-kappella temporanja f'sala tal-Kulleġġ, lejliet il-konsagrazzjoni kien hemm esposti għal-venerazzjoni r-relikwi ta' San Severino (c. 410-482) u San Desideratus (-550). Dawn tpoġġew fuq artal imħejji apposta u mżejjen b'sitt xemgħat u erba' važuni bil-qronfol u ward aħmar. L-Arċisqof, is-segretarju tiegħu, u ċ-ċerimonier tal-Katidral tal-Imdina ġew għat-tberik u għas-siġġillar tar-relikwi li l-għada tpoġġew fl-artal tal-kappella l-ġdida.

Għall-konsagrazzjoni l-Arċisqof kien assistit mill-Monsinjuri Fenech, Vassallo u Brincat. Patri Dominic Ebejer, O.P. mexxa l-kant, u kantaw il-patrijiet u n-novizzi dumnikani. F'nofsinhar il-Provinċjal tad-Dumnikani ċċelebra l-quddiesa tal-konsagrazzjoni megħjun mill-istess patrijiet u novizzi dumnikani. Kienu wkoll preżenti għadd ta' qassisin djoċesani u reliġjużi. Iċ-ċerimonja bdiet fis-7.30 a.m. u damet sal-12.40 p.m.

Fis-7.30a.m. ukoll, fil-kappella proviżorja, kien hemm quddiesa oħra għall-istudenti u oħrajn li ma ħadux sehem fiċ-ċerimonja tal-kappella l-ġdida.





# IL-VOKAZZJONIJIET! HEMM TAMA?

**DUN JAMES SAYDON** - DIRETTUR TAL-VOKAZZJONIJIET

Kull fejn immur, kważi drajt li dejjem ikun hemm min jistaqsini l-istess mistoqsija: "Father, kif ser nagħmlu biex ikollna aktar vokazzjonijiet?" Fi żmien fejn in-numru ta' vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi naqsu mhux ħażin, dak li jkun bla ma jrid jinħakem minn xi ftit biżà u jiddubita dwar il-futur!

Il-Papa Franġisku fil-messaġġ annwali tiegħu għal Jum il-Vokazzjonijiet ifakkarna li minkejja l-isfidi kollha li naraw madwarna, "għandna dejjem nibqgħu sejrin bil-vjaġġ tagħna tal-ħajja u nkunu miftuħa u attenti għal dak li l-Ispirtu jrid jgħidilna".

Fi ftit kliem, naħseb dan hu li qegħdin nippruvaw nagħmlu bħala Ċentru tal-Vokazzjonijiet: li nkomplu mexjin b'sens ta' tama fil-Mulej filwaqt li nippruvaw nifhmu ta' kuljum il-Mulej x'jixtieq jgħidilna bl-esperjenzi kollha li tlaqqagħna magħhom il-ħajja!

Li jagħtini ħafna tama huwa li, anke jekk m'għandniex in-numri tal-passat, xorta hemm numru sabiħ ta' persuni ta' etajiet differenti, li b'determinazzjoni u b'impenn kbir qegħdin jippruvaw iwieġbu b'mod ġenwin għas-sejħa li qiegħed jagħmlilhom il-Mulej. Tajjeb għalhekk li nitolbu għalihom u għas-seminaristi kollha sabiex l-Ispirtu jagħtihom il-kuraġġ li għandhom bżonn ħalli jwieġbu "iva" għas-sejħa tal-Mulej, u li fl-aħħar mill-aħħar il-ferħ tal-"iva" tagħhom ikun ta' xhieda u inkoraġġiment biex kull wieħed minna jsib is-sejħa partikolari tiegħu u hekk inkunu verament Knisja ħajja.



# "SEMINARJU SKOLA KBIRA, KEMM FL-ISPIRTU U KEMM FIL-QALB"

**DUN JEAN-CLAUDE SCHEMBRI** - PRINĊIPAL TAS-SEMINARJU MINURI

Hekk jibda l-innu tal-iskola: skola kbira fl-ispirtu u fil-qalb! Nhar l-25 ta' Marzu 1703 daħlu l-ewwel sitt studenti fis-Seminarju Minuri - dak iż-żmien ġewwa l-Imdina. L-għan tiegħu kien illi jipprepara lill-adolexxenti, speċjalment dawk imsejħin għall-ħajja saċerdotali, sabiex jidħlu s-Seminarju Maġġuri. Wieħed jinnota kemm dan kien bidu umli imma fl-istess ħin sod fejn tidħol il-viżjoni u l-missjoni tal-iskola tagħna.

Fil-qalba ta' din l-istituzzjoni dejjem kien hemm il-kura sħiħa tal-persuna - mhux biss l-aspett akkademiku, imma wkoll l-aspetti spiritwali u umana. Aħna u nħarsu lejn il-bidu tiegħu nindunaw x'passi kbar saru f'dawn l-aħħar 322 sena, mhux biss fil-mod kif jopera s-Seminarju Minuri imma wkoll fis-soċjetà inġenerali. Illum is-Seminarju Minuri jilqa' fih 1,000 persuna ta' kuljum, bejn staff u studenti. Filwaqt li l-impenn tagħna jibqa' l-edukazzjoni ħolistika tal-istudenti tagħna, ma nkunux realistiċi jekk ngħidu li qed nippreparaw l-istudenti kollha biex jidħlu fis-Seminarju Maġġuri. Madanakollu xorta waħda nagħmlu ħilitna kollha sabiex inkabbru fl-istudenti l-għarfien t'Alla, u anke tas-sejħa personali li Hu għandu għalihom.

Inħeġġiġkom sabiex titolbu għalija u għal sħabi sabiex dejjem immexxu l-iskola skont dak li jrid Alla minna, u kif ukoll għall-istudenti tagħna u l-familji tagħhom li jaffaċċjaw tant sfidi u opportunitajiet ta' kuljum.



# ISSA LEST?

**DUN MATTHEW SAMMUT** - SAĊERDOT NOVELL

Wara sebaʼ snin taʼ formazzjoni hemm min jgħidlek li issa lest mill-formazzjoni! Imma meta tirrifletti ftit, wieħed jinduna li kull wieħed mill-pilastri tal-formazzjoni huwa neċessarju mhux biss għal sebaʼ snin imbagħad daqshekk, imma huwa bżonjuż tul il-ħajja kollha tal-qassis.

Il-kura umana tagħna bħala saċerdoti hija pilastru li fuqu jserrħu bosta aspetti oħra. Flimkien mal-formazzjoni umana hemm il-formazzjoni spiritwali. Kemm hi neċessarja matul is-saċerdozju tiegħi li taʼ kuljum nibqaʼ nikber fi spirtu taʼ talb! Il-kura spiritwali, fiżika u psikoloġika huma neċessarji għal saċerdozzju li jkun bilanċjat għal servizz pastorali li jkun jistaʼ jsir bil-ferħ. Maʼ dawn insemmi l-pilastru tal-formazzjoni akkademika. Wieħed jilmaħ kemm hu neċessarju li bħala saċerdoti bʼmod konsistenti nibqgħu naġġornaw ruħna mal-iżviluppi tat-teoloġija sabiex bħala rgħajja nkunu tassew nistgħu nwasslu tagħlim li hu konsistenti mal-ħsieb tal-Knisja universali.

Bl-għajnuna tʼAlla nhar is-17 taʼ Mejju 2025 jien flimkien maʼ Johan Bugeja, Sależjan u Shawn Wong minn Singapore ġejna ordnati saċerdoti minn Mons. Arċisqof. Fil-bidu taʼ dan is-saċerdozju tagħna jien konvint li issa mʼiniex lest imma għadni propju fil-bidu! Inrodd ħajr lil Alla għal dak kollu li rċivejt matul dawn is-snin taʼ formazzjoni għaliex konvint li dan kollu ser ikun bħal għodda tajba li tgħinni inkompli niġi ffurmat.



# TIXTIEQ TGĦIN LIS-SEMINARJU?

Ta' kull sena aħna nafdaw fil-ġenerożità tiegħek u fl-għajnuna li dejjem offrejt lis-Seminarju.

Flimkien mat-talb tiegħek tista' tgħin billi:

Tibgħat ċekk bl-offerta tiegħek indirizzat 'Is-Seminarju tal-Arċisqof' fl-indirizz postali: **Seminarju tal-Arċisqof, 90, Triq Tal-Virtù, Rabat RBT 2604.**

Tgħaddi l-offerta tiegħek lis-Seminarju fuq il-kont tal-APS Bank plc – dettalji tal-kont:
**The Archbishop's Seminary – Major**
**IBAN Number: MT15APSB77068000499110499130014**
**SWIFT Code: APSBMTMT**

Tħallas borża ta' studju ta' €600 (jew parti minnha) li tista' tħallasha f'daqqa jew tagħżel li tħallas ammont żgħir kull xahar kemm tixtieq int.

Grazzi mill-qalb tal-għajnuna u s-sehem tiegħek fil-formazzjoni tas-Seminaristi.

**Ritratt: Arċidjoċesi ta' Malta - Ian Noel Pace**



+356 2145 5497/8 seminary.org.mt info@seminary.org seminary.malta